**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**

**SEZZJONI FAMILJA**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors Ġuramentat numru 2/2020MV**

**fl-ismijiet:**

**AB**

**vs**

**CD**

**Illum, id-09 ta' Lulju 2020**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat u maħluf minn AB nhar l-20 ta' Jannar 2020 li jesponi bir-rispett u jikkonferma:

Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tnax (12) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) fil-Knisja Bazilika Ta' Pinu, Gharb, Għawdex u dan skont ma jirriżulta mill-Att taż-Żwieġ hawn anness u markat bħala **Dokument A**;

Illi l-partijiet kienu isseparaw permezz ta' kuntratt datat disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) pubblikat fl-atti tan-Nutar Christian Zammit. Kopja tal-kuntratt huwa anness u markat bhala **Dokument B**;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi t-tentattivi ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet fallew u illum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin. L-esponenti qiegħed f'relazzjoni stabbli oħra filwaqt li l-intimata kienet f'relazzjoni oħra. Pero illum il-ġurnata l-esponenti mhuwiex ċert jekk l-intimata għadhiex f'din ir-relazzjoni;

Illi l-manteniment ghall-ulied tal-partijiet kien ġie regolat bil-kuntratt tad-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u m'hemmx pendenzi dwar manteniment. In oltre jiġi senjalat li omisses u omisses huma t-tnejn maġġorenni u għandhom aktar minn tlieta u għoxrin (23) sena. Għar-rigward EF li għadu minuri u li għalih hemm riferenza fil-kuntratt tas-separazzjoni, jiġi senjalat li dan ġie dikjarat li mhux iben l-esponenti AB. Dan b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2011 fl-ismijiet AB vs CD (Rikors Ġuramentat Numru 23/2010);

Illi l-esponenti qiegħed jippreżenta dan ir-rikors bil-benefiċċju tal-għajnuna legali. Dan wara li huwa ġie akkordat tali benefiċċju permezz ta' digriet datat l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Kopja tar-rikors u d-digriet huma annessi u markati bhala **Dokument C u D** rispettivament;

Illi l-fatti ta' dan ir-rikors qeghdin jiġu konfermati bil-ġurament mir-rikorrent;

Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

(1) Tippronunżja d-divorzju bejn il-partijiet;

(2) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għawdex bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' CD ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2020 u maħlufa fis-07 a' April 2020 fejn tesponi u tikkonferma bil-ġurament tagħha:

1. ILLI hija taqbel li jissussistu l-elementi kollha meħtieġa biex jiħi pronunzjat divorzju bejn il-partijiet u għalhekk mhix topponi għat-talbiet tar-rikorrent;

2. ILLI l-esponenti pero' tixtieq tikkjarifika u tippreċiża li ma kellhiex u lanqas għandha relazzjonijiet;

3. ILLI l-esponenti taqbel ukoll li l-ispejjez għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

   Daqstant għandha x'tissottometti l-esponenti ghas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

   Rat il-verbal tad-19 ta' Ġunju 2020 a fol 24 tal-proċess fejn il-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista' tmur għas-sentenza u li għandha tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

   Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi l-partijiet ikkonfermaw bil-gurament taghhom l-atti prezentati minnhom.

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C, tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti jirrizulta l-partijiet issepparaw bonjarament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2007 u ilhom snin twal mifrudin. Irrizulta b'mod ċar minn dak li ddikjaraw il-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

Rat illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet u fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet iddedikaw mid-dritt li jitolbu xi ħlas ta' manteniment lill-parti jew oħra skont il-liġi.

**DECIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, tippronunzja divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**(ft.) Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**
**Maġistrat**

**(ft) Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**